MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tat-23 ta' Gunju, 2011

Numru. 547/2009

**Il-Pulizija**
**(Spettur Johann J. Fenech)**

**vs**

**Myra May Agius ta' 27 sena, bint Joseph u Maria nee` Gatt, imwielda Pieta` fit-30.12.1983, residenti Nru 3, 'Paean', Triq Lord Byron, Naxxar u detentrici tal-karta tal-identita` 83284M.**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba fil-konfront tal-imputata Myra May Agius li giet akkuzata talli nhar is-26 ta' Frar, 2009 u matul it-tliet snin ta' qabel din id-data f'dawn il-Gzejjer:

1) kellha fil-pussess taghha d-droga Eroina specifikata fl-ewwel skeda ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi tal- Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta meta ma kienitx fil-

pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-dispozizzjonijiet tar-4 u 6 Taqsima ta' l-Ordinanza u meta ma kienitx bil-licenzja jew xort' ohra awtorizzata li timmanifattura, jew tforni d-droga 'msemmija u meta ma kienitx b'xi mod iehor bil-licenzja tal-President ta' Malta li jkollha d-droga msemmija fil-pussess taghha u naqset li tipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilha ghall-uzu taghha skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija bi ksur tar-regoli ta' l-1939 dwar il-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (GN 292/1939) kif sussegwentament emmendati u dan bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

2) kellha fil-pussess taghha d-droga Kokajina specifikata fl-ewwel skeda ta' l-Ordinanza dwar il-medicini perikoluzi Kap 101 tal-ligijiet ta' Malta meta ma kienitx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-dispozizzjonijiet tar-4 u 6 Taqsima ta' l-Ordinanza u meta ma kienitx bil-licenzja jew xort' ohra awtorizzata li timmanifattura, jew torni d-droga imsemmija u meta ma kienitx b'xi mod iehor bil-licenzja tal-President ta' Malta li jkollha d-droga msemmija fil-pussess taghha u naqset li tipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilha ghall-uzu taghha skond ir-ricetta kif provduta fir-regolamenti msemmija bi ksur tar-regoli ta' l-1939 dwar il-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (GN 292/1939) kif sussegwentament emmendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

3) kellha fil-pussess taghha r-raza mehudha mill-pjanta Cannabis jew xi preparazzzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza u dan bi ksur tal-artikolu 8(a) tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

3) kellha fil-pussess taghha medicina psikotropika u ristretta (ecstasy) minghajr awtorizzazzjoni specjali bil-miktub mis-Supritendent tas-Sashha Pubblika, bi ksur tad-

dispozizzjonijiet ta' l-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha, Kap 31 tal-Ligijiet ta' Malta u r-Regolamenti dwar il-kontroll tal-Medicini, Avviz Legali 22 tal-1985 kif emendati.

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat l-ordnijiet tal-Avukat Generali ai Termini tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap 101) u tas-subartikolu 2 tal-Artikolu 22A tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika w il-Professjonijiet li ghandhom x'jaqsmu Maghha (Kap 31);

Semghet l-ammissjoni maghmulha mill-imputata liema ammissjoni giet rijaffermata wara li l-imputata inghatat zmien xieraq sabiex tirrikonsidra l-istess;

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunsidrat;

Illi fid-dawl tal-ammisjoni maghmulha mill-imputata l-Qorti ma tistax hlief issib lill-imputata hatja tal-akkuza migjuba fil-konfront taghha.

Illi meta tigi biex tqis il-piena li ghandha tigi inflitta l-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija tal-imputata, il-fedina penali nadifa taghha u l-fatt illi l-imputata harget mill-vizzju tad-droga u ghandha hajja stabbli.

Ghaldaqstant, il-Qorti, wara li rat Regolament 3(1) tal-Avviz Legali 22 tan-1985, l-artikoli 40A, 120(a), 120A(2)(b)(i) tal-Kapitolu 31 tal-Ligijiet ta' Malta, l-artikoli 8(a), Taqsimiet 4 u 6 u l-artikoli 22 (1)(a), 22(2)(b)(ii) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta u Regolament 9 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 101.02, issib lill-imputata hatja tal-akkuzi migjuba fil-konfront taghha izda bl-applikazzjoni tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta qed tillibera lill-imputata bil-kondizzjoni li ma tikkommettix reat iehor fi zmien sentejn mil-lum.

Il-Qorti qed twissi lill-imputata bil-konsegwenzi skond il-ligi jekk hija tikkommetti reat iehor matul dan il-perjodu ta' liberta taht kondizzjoni.

Finalment il-Qorti tordna d-distruzzjoni ta' Dok JF2.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------